MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 464/2013

Il-Pulizija

(Spettur Kylie Borg)

vs

**Gilbert Farrugia**

iben George , imwieled Pieta', fis-6 ta' Marzu, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 150782(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gilbert Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli f'Malta, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwista b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe Iphone 4;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, meta sar jaf li xi oggetti li kienu fil-pussess tieghu kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwista b'reat, naqas milli jgharraf lill-Pulizija b'dan il-fatt, fi zmien preskritt mill-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 334 u 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-istess imputat Gilbert Farrugia hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Gilbert Farrugia tad-29 ta' Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u kwindi tilliberah skont il-ligi. Illi *minghajr pregudizzju* ghas-suespost, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena aktar *ekwa* ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-akkuzi huma **kontestati** ghal kollox.

2. Illi saret **wisq facli** ghall-pulizija li jressqu persuna fuq suspett *u/jew* taht dan il-kuncett legali biex imbaghad ihallu f'idejn l-Qorti tiddecidi l-kaz minghajr ma jsir investigazzjoni profonda *w/jew* jigi stabbilit jekk l-imputat kien ghal kollox in *mala fede* jew le.

3. Illi **abbinat** mas-suespost gie stabbilit li l-imputat ma jifhimx f'dawn l-affarijiet. Illi hu waqt li l-kaz li l-imputat sar jaf li l-oggett kellu certu valur. Illi, ghalhekk, element important f'dan it-tip ta' reat u cioe' il-*mens rea* kien nieqes! Illi dan it-tip ta' komportament/agir min-naha tal-pulizija jista' jkun ta' perikolu ghax jekk persuna tigiha opportunita, bhalma jigri ta' spiss, allura dan ifisser li hemm il-probabilita ta' **reat ta' ricettazzjoni**? Illi mhux l-ewwel darba li ndividwu jista' jigih opportunita' ta' 'bargain' liema haga tfisser li hemm ricettazzjoni. 'Bargain ifisser 'bargain' li, bis-sahha u ragunar ta' din il-kawza tfisser li hemm ricettazzjoni.

4. Illi, pero', minghajr pregudizzju ghas-suespost, punt li rrizulta hu l-fatt li l-imputat ma tantx hu aggiornat f'dawn l-affarijiet. Illi allura wiehed irid isaqsi kif, individwu bilfors irid jixtri oggett biex ma jkollu t-theddid ta' akkuza ta' ricettazzjoni bhalma gara fil-kaz

odjern? Illi, pero', dan ma jeskludix li f'kazijiet simili r-reat ta' ricettazzjoni ma jkunx jezisti. Imma, li jirrizulta f'dan il-kaz hu li l-prosekuzzjoni mxiet ghal kollox spekulattiv liema rizultat tista' tirrizulta f'konsegwenzi serji ghall-imputat.

5. Illi waqt ix-xhieda jirrizulta wkoll li l-imputat wera nuqqas ta' sapienza fuq is-suggett liema haga timmerita konsiderazzjoni. Illi gie sollevat li l-imputat **ghazel** li jbieghu l-oggett u ghamel profit. Illi b'kull rispett, dan hu ghal kollox ezagerat. Illi minn meta issa hemm **restrizzjonijiet** fuq individwu li jipprova jbiegh oggett li hu tieghu fejn jista' jaghmel profit? Minn meta saret reat? Illi din apparti, mill-provi li l-avarija bejn kemm xtrah u kemm kien qed jipprova jbieghu hu ghal kollox minimu!

6. Illi hu waqt il-provi li l-imputat sar jaf li l-oggett kien misruq! Illi dan l-element gie ghal kollox injorat minghajr l-imputat ma gie moghti l-icken possibilita' ta' tolleranza f'kredibilita' tieghu bil-konsegwenzi odjerni.

7. Illi l-aggravju nhass konsiderevolment anki fir-rigward il-piena. Illi ghall-oggett tant zghir b'kondotta netta, biex gie mpost piena karceraja sospiza hi piena ghal kollox inaccettabbli u assurda u li timmerita kundanna. Illi hawn ma kienx hemm xi qtil jew reat iehor li jimmerita reazzjoni qiebsa.

8. Illi filwaqt li s-suespost m'ghandhomx jigu kunsidrat bhala ezawrenti, l-imputat qed jinsisti fuq l-innocenza tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-13 ta' Jannar, 2014.

Kif dejjem gie ritenut u huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx

ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi l-aggravju tal-appellant jipperna esklussivament dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Onorabbli Qorti kif ukoll l-appellant jattakka l-investigazzjoni tal-pulizija f`dan il-kaz in kwistjoni. Illi l-pulizija wara li gew infurmati li kien insteraq mobile phone tad-ditta iPhone minn hanut tal-Vodafone gewwa l-Belt, Valletta, u sar rapport, riedu jaghmlu l-istharrig mehtieg sabiex jidentifikaw ghand min qieghed dan il-mobile misruq. Mill-investigazzjonijiet li saru, ma giex identifikat il-halliel li ha t-telefon cellulari izda sussegwentement, mill-IMEI number tal-istess apparat, gie nnotat li dan kien irregistrat f'isem l-appellant. Wara ttiehdet stqarrija u min dan irrizulta li l-appellant kien xtara l-'iPhone' mill-idejn ghall-prezz ta' mitejn ewro u ghalhekk il-fatt li qed jinghad li ma saritx investigazzjoni profonda ma tregix. Il-Qorti toqghod fuq il-provi migjuba quddiemha, mhux lok li wiehed jattaka l-investigazjoni, anke jekk wiehed irid ighid li l-investigazjoni kienet wahda tajba.

Illi fir-rigward li l-appellant ma jifhimx f`dawn l-affarijiet mhijiex raguni valida biex wiehed jidditermina li l-appellant ma kellux *mens rea*. Il-fatt biss li xtara mobile phone minn fuq l-idejn minghand persuna li lanqas biss jaf isimu u emmen il-verzjoni li tah dan il-persuna mhux identifikata, li ried ibigh tali mobile phone malajr ghax kellu bzonn il-flus diga iggib maghha element ta` suspett. L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza llecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni jew tenut kont ic-cirkostanzi, kien imissu issuspetta. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Briguglio" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-

"*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina jkun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella jmissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b'mod illecitu u b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u

jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu.

Illi rigwardanti l-fatt li l-appellant mhuwiex aggornat f`dawn l-affarijiet mhijiex skuza biex tghatti dak li wiehed ikun ghamel. Il-fatt biss li l-appellant xtara mobile ta` marka rinomata u lanqas biss iccekja jekk ma kienx possibli ghalih li juzah bl-istess sim card li kellu diga` hija ferm dubjuza u dan id-dubju jkompli jizdied jekk wiehed jiehu x-xhieda tal-appellant meta gie mistoqsi minghand min xtara dan il-mobile u hu zied jghid illi dan il-persuna qallu ‘ghandi dan il-mobile ghal biegh.’ U ghidtlu x`mobile?.’ Dan ghalhekk juri li l-appellant kien jaf fuq x`hiex kien qed jitkellem ghax kieku ma kienx jintendi f`dawn l-affarijiet ma kinitx taghmillu differenza x`tip ta` mobile kien.  Apparti dan kollu wiehed irid jghid li fin-norma meta wiehed jixtri apparat teknologiku wiehed ikollu rcevuta sabiex ikun jista` juri dan bhala prova kif ukoll bhala garanzija jekk ikun hemm hsarat.

Illi rigward, l-fatt li kien hemm nuqqas ta` sapienza fuq is-suggett ma jfissirx li l-appellat ma kienx jaf x`qed jaghmel meta xtara dan il-mobile phone minghand persuna li lanqas jaf l-identita` taghha. Il-valur ta` kemm inxtara u kien ser jinbiegh mill-appellant biex jaghmel profit mhijiex il-kwistjoni tar-reat izda dwar jekk l-appellant kienx konsapevoli tal-provenjenza llecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni jew tenut kont ic-cirkostanzi, seta` ssuspetta u din tidher cara mill-atti processwali.

Illi wiehed kellu jiehu s-sens komun ta` kif jirraguna u jahsiba persuna normali fic-cirkustanzi li nstab fihom l-appellant u dan infatti u in vista tas-suespost wassal sabiex l-ewwel Qorti tasal ghal tali decizjoni.

Illi rigwardanti l-piena imposta fuq l-appellant hija wahda fil-parametri rikjesti mill-ligi u tirrifletti l-gravita` tar-reat kommess. Ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent, din l-Onorabbli Qorti m`ghadniex tiddisturba din il-piena.
Ghaldaqstant u in vista ta` suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha **tichad** l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta li fil-11 ta' Ottubru, 2010 insteraq Iphone 4 mill-hanut tal-Vodafone, il-Belt, Valletta. Suusegwentement, dan il-mobile phone nstab li gie uzat mill-appellant, Gilbert Farrugia. Ma hemm ebda kontestazzjoni ta' dan il-fatt u meta gie nterrogat mill-pulizija hu ammetta dan il-fatt, kif ukoll l-istess sar meta hu ddepona quddiem l-ewwel Qorti.

Illi l-aggravju ewlieni tieghu hu li l-ewwel Qorti ma kelliex issibu hati tar-reati migjuba kontra tieghu ghaliex hu ma kienx jaf li tali mobile kien misruq u ma kellhux il-'mens rea' rikjesta biex jinsab hati ta' tali reat.

Illi l-ewwel Qorti ghamlet ezami fil-fond ta' dan il-kuncett u din il-Qorti a skans ta' ripettizzjoni taqbel perfettament mal-konkluzjoni milhuqa.

Illil-piena erogata mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tiddisturba dak li ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Gilbert Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------